MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2006

Numru 649/2001

**Il-Pulizija**
**(Sp. Jeffrey Cilia)**

**v**

**Marco Risiott ta' 37 sena bin John u Carmen nee Borg, imwieled Msida fis-17/05/1964, residenti Flat 7, Sylvia Flats, Triq Emmanuel Galizia, Ta' Xbiex, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 262764 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Marco Risiott li gie akkuzat

(1) talli fis-27 ta’ Ottubru, 2001 u fil-granet ta’ qabel din id-data, f’Ta Xbiex iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci a’ reat b’mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.
(2) U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 4.04.01, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat wiegeb li ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu kif ukoll i hu ma kellu ebda oggezzjoni ghall-imsmemija proceduri (seduta 21.10.05). Rat ukoll il-verbali rigwardanti x-xhieda gia migbura f’dawn l-atti stante li sar tidil fil-Magistrat li originarjament beda jisma’ l-kawza. Rat ukoll il-verbal a fol 186 tal-process.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat

Illi taqbel pjenament din il-Qorti illi mil-fatti jirrizulta ben car illi hawn jista’ jinstab htija biss taht it-tieni parti tas-subinciz 2 tal-artikoli 101 tal-Kapitlu 9 li jitkellem dwar min b’qerq johloq tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali.

Illi huwa pacifiku li l-ittri kontenenti gir kienet orkestrata mill-akkuzat dana ex admissis minnu nnifsu, vide stqarrija. Pero’ l-akkuzat irid li jitwemmen illi din l-ittra kienet biss cajta, pero’ ha anke l-izbriga li fuq din ic-cajta anke jikteb ittri bl-Gharbi vera, tant li kkopja l-istess minn fuq pakkett tal- helu biex jaghti lil ldin ic-cajta bixra reali. Din ic-cajta pero’ hass darba li giet a konoxxenza tal-Awtoritajiet kompetenti li kellu sahansitra jiddistruggiha. Fatt dan pruvat mix-xhieda taz-zewg hutu nisa li raw l-ittra fl-istat shih taghha qabel ma tqattghet mill-istess Risiott meta

nduna bil-prezenza tal-Pulizija u l-Protezzjoni civili barra daru. Pero' Risiott irid li jitwemmen li anke meta ra lil dawn l-ufficjali hu lanqas biss induna li setghu kienu hemm minhabba l-ittra, pero' qattaghha ghax issa bidel il-hsieb li jaghmel cajta lil shabu.

Taqbel ghal kollox il-Qorti ma' dak sottomess fin-nota ta' l-Ufficjal Prosekutur specjalment ma' dak espost mill-gurista Antolisei ghal dawk li huma r-rekwiziti tar-reat in dizamina. Taqbel ukoll ma' dak espost fl-istess nota li mil-fatti esposti dawn ir-rekwiziti gew ghal kollox sodisfatti.

Apparti ghall-fatt li l-iskuza tac-cajta hija wahda ghal kollox dghajfa u ghal xejn kredibbli tfakkar il-Qorti illi anke proceduri taht l-in genere huma ta' indoli kriminali u ghalhekk l-ghan intlahaq ghax il-proceduri nbdew. Korrett ukoll l-Ufficjal Prosekutur meta kkumenta dwar il-fatt li l-azzjoni xejn tac-cajt, ta' Risiot trid ukoll tittiehed fil-kuntest ta' l-isfera politika li fiha saret meta kien ben risaput il-paniku u t-tensjoni li tali allegazzjonijiet ta' anthrax kien qed jikkagunaw, anke u sahansitra fuq livell internazzjonali.

Ghaldaqstant qed issib lil Marco Risiott hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artikolu 110(2) u 49, 50 tal-Kapitlu 9 u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt xhur, rat ukoll l-artikolu 31 tal-Kapitlu 9. Rat ukoll l-artikolu 109 Kap 9 u qeghda tapplika kontra Marco Risiott il-piena ta' interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli Risiott iservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-gustizzja u bhala perit f'kull kaz li jkun u dan ghal perjodu ta' hames snin. Rat ukoll l-artikolu 10 u tordna li din is-sentenza ta' kundanna ta' interdizzjoni tigi debitament ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------